# Il-Kult tal-Madonna tal-Karmnu fil-Gżejjer Maltin

Victor Scerri

L-imħabba lejn il-Madonna, ilha minn żmien żemżem, il-qalba tagħna l-Maltin. Taħt kull titlu tagħha, il-Madonna ingastata fil-qalb tagħna b'mod tagħna b'mod li ħadd ma jista' jħollha. Il-kult Marjan huwa qawwi ħafna fostna. Lill-Madonna talbu missirijietna kull meta sabu ruħhom f'xi saram. U l-Madonna ma naqsitx li tgħinhom u teħlishom minn dak is-saram. Illum ħaristna se nitfgħuha fuq il-Madonna tal-Karmnu.

Ir-riverenza li turi Malta lejn il-Madonna taħt dan it-titlu *Tal-Karmnu*, nistgħu liberament ngħidu li hija tradizzjonali u dan għaliex, l-imħabba devota li wrew l-antenati tagħna lejn il-Madonna tal-Karmnu, ma ntilfitx matul is-snin, anzi, ġenerazzjoni wara l-oħra wirtet din ir-riverenza, u hekk għadha bla mittiefsa sal-Karmelitani ta' llum, ulied il-Madonna tal-Karmnu.

Normalment l-istatwi li juru l-Madonna tal-Karmnu, juru lil Sidtna Marija u l-Bambin Ġesù – binha, bil-labtu li juri l-għolja tal-Karmelu u l-istilel, u kemm il-Madonna, kif ukoll il-Bambin jidhru jbierku lil fidili, lid-devoti, lin-nies kollha li jindenjaw iħarsu 'l fuq lejn il-Madonna u Binha u jitolbu interċessjoni mill-qalb, ħaġa li żgur il-Madonna ma tirrifjuta qatt.

Mhux ta' b'xejn, li tiġi kull fejn tiġi ċċelebrata l-festa tal-Madonna tal-Karmelu, jew kif inhi iktar magħrufa poplarment, il-Madonna tal-Karmnu, ikun hemm attendenza kbira ħafna ta' nies, siegħa devoti u siegħa nies li jħobbu l-festi kollha, imma għandhom dik il-forsi naqra preferenza jew amor-proprju lejn din il-festa kbira u sabiħa, festa ta' livell għal Omm u Xebba straordinarja.

## Knejjes li Jiċċelebraw il-Madonna tal-Karmnu

Biex insaħħaħ dak li qed ngħid, nixtieq insemmi lista twila ftit mhux ħażin ta' knejjes li jiċċelebraw lill-Madonna tal-Karmnu. Nibda bil-parroċċa tal-Balluta li fiha l-knisja u l-kunvent. Il-Birgu, kappella u kunvent. F'Birkirkara, fil-knisja ta' Santa Tereża, li fiha l-kunvent u li hija hawnhekk festa sekondarja. Il-Fgura, fil-parroċċa li tħaddan knisja u kunvent.

Fil-parroċċa ta' Fleur-de-Lys fejn hemm ukoll kunvent, il-parroċċa tal-Gżira, Marsaxlokk, fil-kappella magħrufa bħala *Tas-Silġ*, l-Imdina, fil-knisja li hija wkoll kunventwali, fil-Belt Valletta, Santwarju Bażilika Minuri ddedikata għaliha li hija wkoll kunvent, ix-Xlendi hemm kappella ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu, fin-Nadur l-istess, insibu kappella ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu, f'Ħamet limiti tax-Xagħra.



Kappella tal-Madonna tal-Karmnu Fawwara – mibnija fl-1616

Iż-Żurrieq fil-parroċċa hija festa sekondarja, f'H'Attard ġewwa l-Isptar Monte Carmeli tkun ukoll iċċelebrata l-festa tal-Madonna tal-Karmnu, hekk ukoll f'Santa Venera – hemm il-kunvent tal-Patrijiet Karmelitani. Din hija xhieda ħajja tal-vervur pożittiv li l-kult Marjan taħt it-titlu ta' Tal-Karmnu jġib miegħu. Jiena semmejt il-knejjes, kappelli u l-kunventi, imma għad hemm ħafna iktar affarijiet x'irrid ngħid, li huma relatati mal-Madonna tal-Karmnu, u dan sabiex inkompli nżid mat-testimonjanza reali

tad-devozzjoni nnifisha u biex taraw hemm, minkejja l-progress li nfiltra kullimkien, it-twemmin reliġjuż tal-poplu Malti u Għawdxi għadu sod daqs il-blat jew l-azzar.

## Niċeċ tal-Madonna tal-Karmnu f'Malta u Għawdex

Xi ngħidu għan-niċeċ? Tal-Madonna tal-Karmnu biss, f'Malta u Għawdex hawn mija, tlieta u sittin (163) niċċa. Imma ejja nsemmuhom sabiex inkunu nafu x'qed ngħidu sewwa sew. Ġewwa Ħal Qormi biss, raħal li nassoċjawh biss ma' San Ġorġ u San Bastjan u fejn naħsbu li l-ikbar devozzjoni Qormija hija biss lejn dawn iż-żewġ qaddisin kbar, insibu ħamsa u għoxrin (25) niċċa tal-Madonna tal-Karmnu.

Numru sostanzjali hux tassew? Wara Casal Pinto, insibu l-Belt Kapitali ta' Malta, il-Belt Valletta, bl-ikbar numru ta' niċeċ iddedikati lill-Madonna tal-Karmnu, għax hawnhekk insibu tlieta u għoxrin (23) niċċa ddedikati lill-Madonna tal-Karmnu. La ninsabu nitkellmu dwar in-niċeċ tal-Madonna tal-Karmnu relatati mal-Belt Valletta, irridu nagħmlu wkoll addenda partikolari.

Fil-Belt Valletta nfatti, fi Triq l-Isptar il-Qadim, faċċata ta' Triq San Pawl, konna naraw niċċ oħra tal-Madonna tal-karmnu, li kien tfakkar meta l-Isptar Monte Carmeli kien jinsab f'xi parti tas-Sacra Infermeria, illum Dar il-Mediterran għall-konferenzi. Inħalli 'l-Belt Valletta u dan l-ispunt storiku partikolari u ndawru l-attenzjoni tagħna fuq Birkirkara.

F'Birkirkara hemm mhux inqas minn sittax-il (16) niċċa tal-Madonna tal-Karmnu; erbatax-il (14) niċċa oħra tal-Madonna tal-Karmnu, insibuhom ġewwa Tas-Sliema; fiż-Żejtun insibu għaxra (10) niċeċ u għaxra (10) oħra nsibuhom ġewwa ż-Żurrieq. Tmien (8) niċeċ li juru xbieha tal-Madonna tal-Karmnu nsibuhom f'Ħaż-Żebbuġ ta' Malta.

## ...Aktar Niċeċ "Tal-Karmnu" f'Pajjiżna

Fil-Mosta, niċeċ bix-xbieha devota tal-Madonna tal-Karmnu, insibu seba' (7), u seba' (7) oħra nsibuhom fir-Rabat (ta' Malta); fin-Naxxar insibu sitta (6) u ħames (5) niċeċ tal-Madonna tal-Karmnu, insibuhom ġewwa s-Siġġiewi. Il-bqija tan-niċeċ huma mferrxin mal-kumplament ta' Malta, filwaqt li Ħal Qormi għandu l-akbar ammont ta' niċeċ, f'Għawdex insibu niċċa wara (1) biss iddedikata lill-Madonna tal-Karmnu.

Din in-niċċa tinsab ix-Xlendi. B'dan ma rridx nuri li ħutna l-Għawdxin għandhom xi nuqqas reliġjuż. Lanqas xejn. L-aqwa xhieda ta' l-imħabba u l-qima lejn il-Madonna tibqa' l-qalb. Minn hemm trid tinbet għal żerriegħa msoqqija, l-imħabba lejn il-Madonna taħt kull titlu tagħha. Mill-qalb trid tixxettel. Imbagħad tikber u l-għeruq jinfirxu mal-wesgħat.

Jiena għalhekk, wieħed minn dawk linapprezza ħafna n-numru ta' niċeċ li hawn, u li juru l-Madonna tal-Karmnu. Biss ma ngħidx u ma jiktibx li dan biżżejjed.

Nemmen li n-niċeċ huma turija ta' twemmin. Naturalment qiegħed nalludi għan-niċeċ reliġjużi. Imma l-għerq tal-fidi jrid ikun moħbi ġewwa fia. Dawk in-niċeċ huma hemm biex jintwerew fl-isplendur tagħhom. U naqbel jiena li dawn in-niċeċ m'għandniex biss insemmuhom b'foħrija f'xi ktieb jew f'xi kitba bħal din u mbagħad jintesew. In-niċeċ għandna nikkurawhom, nippreservawhom u nikkonservawhom. B'dan nuru li aħna jinteressana minnhom u li nħobbuhom bis-serjetà. Inkunu qed nippreservaw il-fidi tal-predeċessuri tagħna.

## Għawdex u l-Madonna tal-Karmnu

Minkejja illi iktar 'il fuq jiena ktibt illi fix-Xlendi ġewwa Għawdex hemm niċċa waħda biss tal-Madonna tal-Karmnu u m'hemmx aktar niċeċ tal-Madonna taħt dan it-titlu, ġewwa Għawdex kollu, u għidt illi dan mhux għax l-Għawdxin għandhom xi difett reliġjuż li aħna l-Maltin m'għandniex, issa se ngħid kemm l-Għawdxin jemmnu daqsna u kemm daqsna u bħalna u xejn inqas minna huma jħobbu lill-Madonna taħt it-titlu ta' *Tal-Karmnu*.

Din ta' l-Għawdxin mod u aħna l-Maltin mod ieħor, lili ma tinżillix, għax aħna u l-Għawdxin, aħna fid-demm, għandna l-istess karatteristiċi, għandna ilsien wieħed, twemmin reliġjuż kbir wieħed, nemmnu fl-istess partit tal-politika, nirreaġixxu fl-isport bl-istess mod u allura minkejja li ninsabu fuq żewġ blatiet maqtugħin mill-ilma, xorta whda nagħmlu razza waħda.

Allura, jiena rrid ngħid, illi fejn tidħol id-devozzjoni, il-qima reliġjuża, l-Għawdxin huma bħalna, jagħmlu kollox bħalna u daqsna, u jmorru l-quddies u jitolbu huma wkoll, u jħossu ġewwa qalbhom illi l-ġamar tat-twemmin Nisrani għadu jaqbad u huma jħobbuha lill-Madonna u jqimuha u jitolbuha ħafna, u lill-Madonna Tal-Karmnu huma jemmnu fiha u hija għożża tagħhom ukoll.

Fil-fatt kwadri tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa Għawdex aħna nafu li hemm dawn. Fil-knisja tal-Patrijiet Agostinjani hemm kwadru tal-Madonna tal-Karmnu mpitter minn artist mhux magħruf. Fil-parroċċa ta' Kerċem hemm kwadru ieħor ta' pittur mhux magħruf. Fil-knisja ta' l-Għasri l-istess u fil-knisja tal-Karmnu tax-Xlendi hemm kwadru tal-Madonna tal-Karmnu li l-istess ...l-artist tiegħu m'huwiex magħruf. Tajjeb insemmu wkoll li fix-Xewkija hemm vara tal-Madonna tal-Karmnu.

## Malta Miżgħuda bl-Inkwatri tal-Madonna tal-Karmnu



*Statwa Madonna tal-Karmnu fil-Pjazza tan-Naxxar, kif kienet tintrama għall-jum 15-16 ta' Lulju fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija.*

Kwadri tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa Malta nsibu dawn: fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa l-Imdina nsibu wieħed impitter minn Michele Bellanti, fl-Oratorju tal-kunvent ġewwa l-Imdina wkoll insibu kwadru ta' pittur mhux magħruf. Ġewwa l-kunvent insibu kwadru ieħor ta' pittur mhux magħruf, fil-knisja tal-balluta nsibu kwadru sabiħ tal-pittur Venuti.

Fil-parroċċa ta' Santa Venera nsibu kwadru tal-Madonna tal-Karmnu mpitter minn Giuseppe Calì; fil-parroċċa ta' Fleur-de-Lys, Antonio Caruana tana kwadru ieħor tal-Madonna tal-Karmnu; fil-kappella tal-Fawwara hemm kwadru ta' pittur m'huwiex magħruf; fil-knisja l-antika tal-Fgura hemm kopja minn Madonna ta' Raffaello, il-pittur impekkabbli Taljan.

Fil-knisja l-ġdida tal-Fgura hemm kwadru ta' Rafel Bonnici Calì; fil-knisja ta' l-Annunzjata tar-Rabat hemm kwadru ta' l-iskola ta' Mattia Preti; fil-parroċċa Stella Maris – Tas-Sliema nsibu kwadru ta' pittur mhux magħruf; l-istess fil-parroċċa tal-Qrendi. Nerġgħu b'xogħol ta' Giuseppe Calì fil-parroċċa tas-Sacro Cuor ġewwa tas-Sliema.

Francesco Zahra pitter kwadru sabiħ ħafna tal-Madonna tal-Karmnu li jinsab fil-parroċċa tal-Madonna tal-Grazzja ġewwa Ħaż-Żabbar.

Xogħol ta' l-istess pittur u ta' l-istess Madonna, jinsab fil-parroċċa ta' Ħal Għaxaq. Giovanni Vella pitter il-kwadru li juri lill-Madonna tal-Karmnu għall-parroċċa tal-Gżira; fil-parroċċa tat-Trinità Mqaddsa tal-Marsa nsibu kwadru tal-Madonna tal-Karmnu mpitter mill-artist Mallia magħruf Lazzaro Pisani.

## Inkomplu b'Aktar Kwadri tal-Madonna tal-Karmnu

Aktar xbiehat impittrin li juru lill-Madonna tal-Karmnu nsibuhom fil-parroċċa ta' Ħ'Attard minn idejn pittur mhux magħruf; fil-knisja ta' Santa Tereża Bormla, hemm kwadru ta' l-iskola Taljana; ta' l-iskolaTaljana wkoll il-kwadru fil-knisja ta' San Filippu ġewwa l-Isla; fil-parroċċa, ġewwa l-Bażilika ta' l-Iskola nsibu xogħol Giuseppe Calì mill-ġdid; fil-knisja tal-Karmnu ġewwa l-Birgu nsibu kwadru ta' l-iskola Taljana.

Fil-parroċċa tas-Salvatur ġewwa Ħal Lija hemm kwadru tal-Madonna tal-Karmnu mpitter minn Giuseppe Hyzler. Mhux magħruf il-pittur tal-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu fil-parroċċa arċipretali tan-Naxxar. Fil-parroċċa tal-Ħamrun, Giuseppe Calì mill-ġdid u Pietro Gagliardi pitter lill-Madonna tal-Karmnu, liema xogħol jinsab fil-parroċċa tal-Gudja.

Fil-Bażilika ta' Sant'Elena ġewwa Birkirkara l-Madonna tal-Karmnu tpittret minn pittur mhux magħruf. Lanqas m'hu magħruf l-artist tal-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu li jinsab fil-knisja tal-Patrijiet Karmelitani ġewwa Birkirkara wkoll. Fil-parroċċa ta' Ħal Balzan, Giuseppe Calì jurina opra oħra ta' l-arti tiegħu li turi lill-Madonna tal-Karmnu. Fil-parroċċa tal-Mosta hemm kwadru ieħor li juri lill-Madonna tal-Karmnu li għamlu pittur mhux magħruf.

Ġewwa l-knisja ta' San Girgor, fiż-Żejtun insibu lill-Madonna tal-Karmnu, impittra minn artist mhux magħruf. Imma fil-parroċċa ta' l-Imsida, jerġa' jfiġġ Giuseppe Calì, bi kwadru *Karmelitan* ieħor. Fil-parroċċa ta' Marsaxlokk, insibu żewġ kwadri tal-Madonna tal-Karmnu, it-tnejn li huma xogħol Giuseppe Calì. Il-Madonna tal-Karmnu minn idejn Francesco Zahra nsibuha fis-sagristija tal-parroċċa ta' Ħal Balzan.

## Il-Madonna tal-Karmnu – Inspirazzjoni għal iktar Pitturi

Dan għadu mhux kollox. Fil-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ (Malta), Lazzaro Pisani kompla jagħtina ġmiel ta' xogħol li juri lill-Madonna tal-Karmnu. Fil-parroċċa tas-Siġġiewi nsibu lill-Madonna taħt l-imsemmi titlu minn pittur mhux magħruf. Giuseppe Calì ħalla kwadru ieħor tal-Madonna tal-Karmnu li jinsab fil-parroċċa ta' Għargħur. Pittur mhux magħruf żejjen il-parroċċa Qormija ta' San Ġorġ bi kwadru splendidu tal-Madonna tal-Karmnu. Fl-Oratorju tal-parroċċa ta' San Pawl tar-Rabat ta' Malta, il-pittur Giovanni Vella

għandu kwadru li juri lill-Madonna tal-Karmnu hawn ukoll. Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu ieħor jinsab ġewwa ż-Żurrieq, liema kwadru tpitter minn ċertu Azzopardi. Fil-knisja tal-Ġiżwiti tal-Belt Valletta, pittur mhux magħruf għandu kwadru ieħor li juri lill-imsemmija Madonna. Fis-Santwarju Bażilika tal-Belt Valletta hemm kwadru sabiħ ieħor tal-maħbuba Madonna tal-Karmnu, mill-iskola Taljana ta' l-epoka. Dan kollu juri l-kult qawwi Marjan fil-gżejjer Maltin. Juri r-rabta ta' qalbna mal-Madonna. Għalhekk kienu kkummissjonati dawk ix-xogħlijiet. Għax il-komunità Maltija ħabbet lill-Madonna tal-Karmnu bis-sħiħ.

## Ismijiet

Hafna Maltin u Għawdxin huma imsemmijin għall-Madonna tal-Karmnu. Karmenu, Karmena, Carmel, Charmaine u ismijiet oħrajn, qodma jew ġodda, juru l-interess u l-fidi u l-imħabba li l-poplu tagħna għandu lejn din il-mara qaddisa, Omm l-ommijiet kollha, Sidtna Marija taħt it-titlu *Tal-Karmelu* l-għaxqa tal-gżejjer tagħna.

## U l-Arti Devozzjonali Tibqa' Miexja 'l Quddiem

Għaliex dan kollu dwar il-Madonna tal-Karmnu? Dan għaliex, permezz ta' l-arti, l-iktar pittura u skultura, l-imħabba tal-Maltin u l-Għawdxin lejn il-Madonna tal-Karmnu, tibqa' għaddejja sfrenata 'l quddiem. Din l-imħabba m'huwa sejjer iwaqqafha ħadd. Il-Patrijiet Karmelitani jkomplu jaħdmu u jmissu qlub il-Maltin u l-Għawdxin u jkattru d-devozzjoni b'dehwa kbira.

Min qatt jista' jifred omm minn uliedha? Hekk iħossu l-Karmelitani għall-Madonna taħt it-titlu tal-Karmelu. Iħossu dan, għax jemmnu li din l-Omm tas-Sema, flimkien ma' Binha, jgħinuna biex dejjem nagħmlu t-tajjeb u naħarbu l-ħażin. It-talb ħerqan li jitla' minnqlub devoti, huwa dak li l-Madonna tal-Karmnu tilqa' b'imħabba u tressqu quddiem Binha Ġesù.

Għaliex pittruha l-pitturi? Għaliex kitbulha l-poeti? Għaliex naqqxuha l-iskulturi? Għaliex għannewlha l-korijiet devoti? Għax il-Madonna tal-Karmnu u l-gżejjer tagħna huma marbutin b'rabta li rriduha, li bqajna nilqgħuha, li bqajna nsostnuha. Is-saħħa tagħna ġejja minn fuq. U hemm fuq hemm tħarisna l-Madonna tal-Labtu Karmelitan, il-Madonna tal-Karmnu.

Il-kult tal-Madonna tal-Karmnu, mhux biss jidher li m'huwiex se jonqos, imma l-ġejjieni jurina li se jitkattar u dan meta naraw tant żgħażagħ u tfal miġbura f'xi garaxx jew kamra li tesagħhom, jaħdmu fiżikament u mentalment, biex minn sena għall-oħra, il-festa tal-Madonna tal-Karmnu tkun aqwa minn ta' qabilha.

Dan hu l-isem li jibqa' ġo qalbna,
"Il-Madonna tal-Karmnu" – nsejħulha,
Jew inkella "Tal-Karmelu" – u dak talbna,
Jitla' 'l fuq, għax kull meta ngħajtulha,

Hija tisma' għax omm, għaliex mara,
Għaliex safja mit-tbajja' tad-dnub,
Il-Madonna tal-Karmnu, kif kienet,
Għadha w tibqa' fiċ-ċentru tal-qlub.

Il-Madonna tal-Karmnu, tberikna ilkoll.



*Dehra tal-Madonna tal-Karmnu nieżla minn Triq it-Teatru bil-bini mġarraf warajha.*